MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2010

Rikors Numru. 1010/2005

Fl-atti tat-mandat ta’ sekwestru numru 1437/05 fl-ismijiet:-

Beatrice Fenech armla minn Joseph, Vivian Pisani, Martin Fenech, Tanya Spiteri, Angela Agius, Lawrence u Albert ilkoll ahwa Fenech u b’digriet tad-19 ta’ Novembru 2003 il-gudizzju ghaddha f’isem Martin Fenech, Anna Maria Fenech u Antoinette armla Fenech minhabba l-mewt ta’ l-attur Martin Fenech matul is-smigh tal-kawza
vs
Alfred Testa u martu Sylvana Testa ghal kull interess li jista’ jkollha fil-ligi

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors ta' Alfred Testa et li bih espona:

Illi r-rikorrenti nhareg kontra tieghu u martu l-mandat ta' sekwestru hawn fuq referit. Illi dana l-mandat inhareg sfortunatament minghajr ebda preavviz u minghajr ebda

ittra ufficjali ghall-hlas, anzi jiem qabel ir-rikorrenti tramite l-avukat tieghu kiteb lil wiehed mill-konsulenti legali tar-rikorrenti Fenech u talbu li jiltaqghu sabiex jigi diskuss kif ser isir il-hlas mir-rikorrenti (peress li s-sorte u oltre ilu zmien depozitat) u kif ser jigi komputat l-imghax;

Illi inoltre l-istess mandat inhareg wara s-sentenza fl-istess ismijiet citazzjoni numru 963/98JRM deciza fil-31 ta' Mejju 2005;

Illi sfortunatament jidher li r-rikorrenti Fenech talbu li jinhareg il-mandat b'kalkolu ta’ imghax ta’ Lm11,844.80. Illi r-rikorrenti jaqbel mal-ammont imfisser ta' Lm2,488 bhala imghax mill-1 ta' Lulju 1993 sat-30 ta' Gunju 1997 izda ma jaqbilx assolutament mal-kumplament tal-komputazzjoni ta’ l-imghax kif mitlub fl-imsemmi mandat ta’ sekwestru;

Illi jinghad li permezz tac-cedoli mehmuza mar-rikors, ir-rikorrent kien ghamel bosta depoziti. Illi dwar l-imghax kanonizzat fis-sentenza ma hemmx x’wiehed jghid peress li issa s-sentenza ghaddiet in gudikat, izda dwar il-kumplament ir-rikorrent jiddikjara li l-hlas li ghad fadallu jhallas bhala imghax huwa dak li jidher fil-prospett kif mehmuz mar-rikors;

Illi minflok ma’ hadmu r-rata ta’ imghax kif suppost u bl-interuzzjoni ta' meta saru d-depoziti, donnu li r-rikorrenti Fenech qed jippretendu li jigbdu linja ghad-dritt u jikkalkolaw imghax mid-dati li dehrilhom huma. Illi bir-rispett jekk jigi tollerat dan l-agir ir-rikorrent ser jispicca biex ikollu jhallas ferm aktar minn dak li gie kanonizzat fis-sentenza citata. Illi kif inghad ir-rikorrent gja ikkomunika mar-rikorrenti Fenech izda baqa’ bla twegiba. Illi sussegwentement saret laqgha fil-jiem li ghaddew, u r-rikorrenti Fenech mhux talli ma waslux fi ftehim talli ndikaw li kienet sahansitra ser jaghmlu mandati ta' qbid biex jaqbdu l-ghamara li r-rikorrenti u familtu ghandhom id-dar. Illi b'dan it-tip ta' atteggjament ir-rikorrent kien kostrett jintavola dan ir-rikors sabiex tinghata direzzjoni;

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti talab li l-Qorti tirrevoka l-ordni mahruga fil-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet fuq premessi u dana limitatament ghal dak li jirrigwarda t-talba ta’ hlas ta’ imghax, fis-sens li minflok l-ammont indikat ir-rikorrent jigi ordnat ihallas is-somma ta' Lm2200.85 (imghax minn 24.11.1998 sa Ottubru 2005) oltre l-imghax kif kanonizzat fis-sentenza citata.

Rat id-dokumenti prezentati mar-rikors.

**B. NOTA:**

Rat in-nota ta’ l-intimati li biha opponew it-talbiet dedotti fir-rikors ghas-segwenti raguni:

Fl-ewwel lok dwar l-imghaxijiet lamentati hawn huma mertu tal-kawza li giet deciza fl-ismijiet Beatrice Fenech et –vs- Alfred Testa et, Citazzjoni numru 963/98 JRM, Prim’Awla tal-Qorti Civil tal-31/5/05 fejn fost ohrajn Alfred Testa u martu Sylvana gew ikkundannati hekk:

“Tikkundanna lill-imharrkin sabiex, flimkien u solidament bejniethom, ihallsu l-ispejjez tal-kawza flimkien mal-imghaxijiet legali ulterjuri fuq is-somma hawn imsemmija (sic Lm14,620), b’effett mill-1 ta’ Lulju, 1997 sal-hlas effettiv” (sottolinejar tal-esponenti). Ma hemm ebda dubju x’riedet tghid l-ewwel Qorti u hija ghalhekk biss semplici komputazzjoni matematika.

Illi l-imsemmi Alfred Testa jew martu ghazlu li ma jinterponu ebda appell mill-imsemmija decizjoni u kwindi b’dak li qieghed jitlob Alfred Testa fir-rikors odjern huwa forma ta’ appell li huwa inawdit fis-sistema guridika taghna.

Illi sa fejn jirrigwarda d-depoziti imsemmija minn Alfred Testa, dan il-fattur ittiehed kont tieghu kemm fir-korp tas-sentenza citata (Dok A) u kif ukoll fl-atti tar-rikors numru 1024/98GCD a fol 79 tal-process tal-kawza imsemmija u kull darba gie ritenut li tali depoziti saru bi pregudizzju ghad-drittijiet tal-esponenti senjatament ghall-imghaxijiet mertu tar-rikors odjern u li taghhom gew ikkundannati l-konjugi Testa bid-decizjoni fuq imsemmija.

Illi di piu`, bla pregudizzju ghas-suespost, it-talba ta' Alfred Testa hija rritwali peress li l-mandat ma sarx mis-sekwestrati kollha izda minnu biss.

Illi finalment u ghal ragunijiet li jigu spjegati fil-kors tas-smiegh tal-proceduri odjerni, t-talbiet ta' Alfred Testa huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Rat id-dokument prezentat mill-intimati.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Illi fis-16 ta' Frar 2006 Dr. Edward Gatt ghar-rikorrent iddikjara li l-ammont dovut huwa ta' Lm5720 kif jidher a fol 3 tal-process, apparti dak li hemm depozitat, u imghax mill-21 ta' Ottubru 2005 sal-effettiv pagament, izda ma sarx qbil ma' dan il-verbal mill-kontro parti li insistew fuq l-ammont imsemmi fil-Mandat ta' Sekwestru mertu tal-kawza.

Gie nominat Dr. Renald Micallef fis-16 ta' Frar 2006 bhala espert komputista.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr. Renald Micallef, li a fol 53 ezamina:

"**ANALIZI TA' L-ATTI U KUNSIDERAZZJONIJIET**

L-esponenti jirrileva illi f'dina l-kawza ghalkemm hemm qbil bejn iz-zewg kontendenti li hemm xi ammont dovut minn parti ghall-ohra, kif ukoll imghax relattiv, pero` l-istess kontendenti ma jaqblux dwar ic-cifri ezatti li huma dovuti. Filwaqt illi l-konvenuti jikkontendu (u dan kemm fir-Rikors taghhom kif ukoll fis-seduti mizmuma quddiem dina l-Onorabbli Qorti) illi l-ammont dovut bhala imghax

huwa biss ta' elfejn u mitejn Lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm2,200.85) oltre dak kanonizzat fis-sentenza fl-istess ismijiet deciza fil-31 ta' Mejju 2005 (Cit. Nru.: 963/98JRM), l-atturi min-naha l-ohra jikkontendu li minbarra s-sorte ta' erbatax-il elf sitt mija u ghoxrin Lira Maltin (Lm14,620.00), il-konvenuti huma obbligati jhallsu s-somma ta' hdax-il elf tmien mija u erbgha u erbghin u tmenin centezmu (Lm11,844.80). L-esponenti umilment jirrileva li filwaqt illi l-konvenuti ipprezentaw prospett tal-komputazzjoni taghhom kif ukoll l-ircevuti relattivi tad-depoziti illi kienu saru, ma jistax jinghad l-istess fir-rigward ta' l-atturi. L-unici provi illi l-atturi ipprezentaw huma z-zewg decizjonijiet ta' dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta fl-istess ismijiet premessi decizi fit-13 ta' Lulju 1998 (Rikors Nru 1024/98 fl-atti tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1617/98) u l-ohra fil-31 ta' Mejju 2005 (Cit. Nru.: 963/98JRM).

Mill-provi migjuba jirrizulta illi l-konvenuti kienu ghamlu s-segwenti tlett depoziti permezz tac-cedoli relattivi:-

(i) Fis-16 ta' Marzu 1999 fl-ammont ta' elfejn sitt mija u disgha u disghin Lira Maltin (Lm2,699.00) netti mill-ispejjez;

(ii) Fid-19 ta' (sic - xahar mhux legibli) 1998 fl-ammont ta’ tmien mija u erbgha u ghoxrin Lira Maltin u sebgha u ghoxrin centezmu (Lm824.27) netti mill-ispejjez;

(iii) Fit-23 ta' Novembru 1998 fl-ammont ta' erbatax-il elf tlett mija u tmienja u disghin Lira Maltin u hamsin centezmu (Lm14,398.50) netti mill-ispejjez

Illi komplessivament jammontaw ghall-ammont ta' sbatax-il elf disa' mija u wiehed u ghoxrin Lira Maltin u sebgha u sebghin centezmu **(Lm17,921.77)** netti mill-ispejjez.

Illi permezz ta' sentenza ta' dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta fl-istess ismijiet premessi, deciza nhar il-31 ta' Mejju 2005 (Cit. Nru.: 963/98JRM), il-konvenut et gie ikkundannat ihallas is-somma ta' erbatax-il elf sitt mija u ghoxrin Lira Maltin (Lm14,620.00)

rapprezentanti arretrati ta' kera ghall-perjodu bejn l-1 ta' Lulju 1993 u t-30 ta' Gunju 1997 flimkien mas-somma ta' elfejn erba' mija u tmienja u tmenin Lira Maltin (Lm2,488.00) rapprezentanti imghax legali fuq l-imsemmija skadenzi. F'dina s-sentenza l-konvenut et gie kkundannat ukoll ihallas l-ispejjez tal-kawza flimkien mal-imghaxijiet legali ulterjuri b'effett mill-1 la' Lulju 1997 sal-jum tal-hlas effettiv. Madanakollu, fl-umli fehema ta’ l-esponenti id-data tal-jum tal-hlas effettiv, tenut kont tad-depoziti fuq imsemmija li kienu saru, ghandu jkun it-30 ta' Gunju 2005 u dan meta l-istess sentenza tkun saret *res judicata* u dan peress illi f’tali data l-attrici et setghet liberament tizbanka tali depoziti u jekk m'ghamlitx hekk kienet l-ghazla libera taghha. Dan il-fatt hareg ukoll mix-xhieda ta' Vincent Attard moghtija waqt is-seduta illi nzammet quddiem l-esponenti nhar l-4 ta' Dicembru 2006. Inoltre fl-umli fehema ta' l-esponenti tkun ingustizzja fil-konfront tal-konvenut et jekk l-imghax jibqa' jiddekorri kontra tieghu sakemm l-attrici et tiddeciedi li tizbanka d-depoziti li kienu saru. Ghalhekk, in vista ta' dan kollu, l-esponenti fil-komputazzjoni tieghu hadem l-imghax kif iddikjarat dina l-Onorabblli Qorti diversament preseduta fl-istess ismijiet premessi nhar il-31 ta' Mejju 2005 (Cit. Nru.: 963/98JRM) mill-1 ta' Lulju 1997 sat-30 ta' Gunju 2005 bhala l-jum illi fih sar il-pagament effettiv stante r-ragunijiet moghtija iktar ’il fuq. Madankollu, l-esponenti jippreciza wkoll illi ghalkemm id-depoziti saru fis-snin bejn 1998 u 1999 skond il-provi ezebiti a fol 4 sa 8 tal-process, f’dan il-kaz dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta fil-kawza li ggib ic-Citazzjoni Numru 963/98JRM kienet tal-fehema

"*li lanqas meta, f'Novembru tal-1998, l-imharrkin ghaddew biex jiddepozitaw l-ammont shih ta' kera dovut taht l-awtorita` tal-Qorti ma waqaf jiddekorri l-imghax. Dan jinghad ghaliex meta dak l-ammont kien offert lill-atturi, kellu marbuta mieghu il-kondizzjoni li kellhom jaccettawh bhala hlas ghas-saldu." (a fol. 20 tal-process)*

Pero` fl-umli fehema ta' l-esponenti, fil-kawza odjerna ma jistax jinghad l-istess ghaliex mid-data meta l-istess sentenza fuq citata giet *res judicata,* l-attrici et kellha d-

dritt tizbanka d-depoziti kollha. Inoltre l-esponenti jirrileva umilment illi fil-komputazzjoni lanqas ic-cedoli li prezentement hemm depozitati u mhux zbankati ma ttiehdu in konsiderazzjoni ghall-finijiet ta' l-imghax ghaliex ghall-istess raguni moghtija iktar ’il fuq, l-attrici et tkun qed tistghana ingustifikatament jekk fuq tali depoziti jiddekorri l-imghax stante l-fatt illi l-attrici et tista' liberament tizbanka d-depoziti kollha.

Ai termini ta' l-Artikolu 1169(1) tal-Kodici Civili, id-debitur ta' somma li taghti imghax ma jistax minghajr il-kunsens tal-kreditur, jimputa l-hlas ghall-kapital minflok li ghall-imghaxijiet. Ghaldaqstant, fil-kawza odjerna, mill-ammonti komplessivi depozitati mill-konvenut u cioe` dawk ta' sbatax-il elf disa' mija u wiehed u ghoxrin Lira Maltin u sebgha u sebghin centezmu (Lm17,921.77) ghandhom jitnaqqsu fl-umli fehema ta' l-esponenti l-ammont ta' imghax illi ddekorra sat-30 ta' Gunju 2005, liema cifra tammonta ghal hdax-il elf tmien mija u erbgha u erbghin Lira Maltin u tmenin centezmu (Lm11,844,80) li tirrapprezenta l-ammont ta' elfejn, erba' mija u tmienja u tmenin Lira Maltin (Lm2,488.00) f’imghax kif il-konvenut et gie kkundannat ihallas permezz tas-sentenza ’l fuq citata (Cit. Nru. 963/98JRM) filwaqt illi l-ammont ta' disat elef, tliet mija u sitta u hamsin Lira Maltin u tmenin centezmu (Lm9,356.80) jirrapprezenta imghax mill-1 ta' Lulju 1997 kif ikkundannat ihallas permezz tas-sentenza fuq citata (Cit. Nru. 963/98JRM) sat-30 ta' Gunju 2005 bhala d-data tal-hlas effettiv. Ghalhekk, wara li tnaqqas l-ammont ta' l-imghaxijiet mill-ammont ta' depoziti netti mill-ispejjez, jibqa' kreditu depozitat ta' sitt elef u sitta u sebghin Lira Maltin u sebgha u disghin centezmu (Lm6,076.97) liema ammont fl-umli fehema ta' l-esponenti ghandu jinqata' akkont tas-somma kapitali ta' ebatax-il elf sitt mija u ghoxrin Lira Maltin (Lm14,620.00) sabiex b'hekk il-konvenuti jibqghu moruzi fl-ammont ta' tmint elef, hames mija u tlieta u erbghin Lira Maltin u tlett centezmi (Lm8,543.03) fuq liema ammont jidekorri imghax ta' elf, mitejn u tnejn u hamsin Lira Maltin u tmienja u disghin centezmu (Lm1,252.98) u dan billi l-esponenti hadem l-imghax fuq tali somma mill-1 ta' Luiju 2005 sat-30 t'April 2007. Fin-nuqqas ta' hlas da parti tal-konvenut et sat-30

t'April 2007, l-imghax ghandu jizdied b'lira u sebgha u tmenin centezmu (Lm1.87) kuljum sal-pagament effettiv. Ghalhekk, l-esponenti jirrileva umilment illi in espletazzjoni ta' l-inkarigu lilu moghti, huwa wasal ghas-segwenti komputazzjoni tenut kont tal-provi kollha illi ngabu:

| **Zmien** | **Kreditu** | **Imghax** | **Ammonti depozitati netti mill-ispejje[1]z** |
|---|---|---|---|
| | **Lm** | **Lm** | **Lm** |
| Valur ta' Cedoli depositati | | | **17,921.77** |
| Sorte (ammont ta' Kapital) | 14,620.00 | | |
| Mill-01.07.93 sa 30.06.97[2] | | 2,488.00 | |
| Mill-01. 07.97 sa 30.06.05[3] | | 9,356.80 | |
| **SUB-TOTALI** | **14,620.00** | **11,844.80** | |
| Hlas permezz tad-depositi | (6,076.97)[4] | (11,844.80) | (17,921.77) |
| **SUB-TOTALI** | 8,543.03[5] | Nil | Nil |
| Mill-01.07.05 sa 30.04.07 | | 1,252.98 | |

[1] Permezz tac-Cedoli su riferiti.
[2] Skond id-decizjoni moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta fil-31 ta' Mejju 2005 (Cit. Nru:963/98JRM).
[3] Id-data ta' 30/6/2005 ittiehdet wara li gie tenut kont tad-data meta l-imsemmija sentenza giet *res judicata*.
[4] Lm17,921.77 – Lm11,844.80 = Lm6,076.97.
[5] Lm14,620.00 – Lm6,076.97 = Lm8,543.03.

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | | |
| **Total** | **8,543.03** | **1, 252.98**[6] | |
| **Total Dovut, capital u interessi** | **9,796.01**[7] | | |

## E. KONKLUZJONI

In vista ta' dak kollu fuq premess, l-esponenti jissottometti bir-rispett fil-konfront tat-talbiet tal-konvenut Alfred Testa et, illi, dina l-Onorabbli Qorti ghandha tilqa` in parte t-talba billi tirrevoka l-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet premessi u dana limitatament ghas-somma komplessiva ta' disat elef, seba' mija u sitta u disghin Lira Maltin u centezmu (Lm9,796.01) bl-ispejjez ta' l-istess mandat ta' sekwestru ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut."

Xehed Dr. Renald Micallef u qal li fir-rapport tieghu ha in konsiderazzjoni tliet cedoli li jammontaw ghal Lm17,921.70, t-309/1999 tas-16 ta' Marzu 1999 li tammonta ghal Lm2,699, id-987/1998 tad-19 ta' Ottubru 1998 fl-ammont ta' Lm824.27 u l-ohra tat-23 ta' Novembru 1998 fl-ammont ta' Lm14,398.50. Qal li ma hax in konsiderazzjoni c-cedola numru 1078/1993 tad-9 ta' Settembru 1993 fl-ammont ta' Lm897.15 u c-cedola 708/1993 tas-26 ta' Mejju 1993 fl-ammont Lm886.95 u dan minhabba li s-sorte li kellu jahdem fuqu kien dwar kera li tibda tiddekorri mill-1 ta' Lulju 1993 sat-30 ta' Lulju 1997 u ghalhekk kienet taqa' barra l-perjodu li hadem fuqu. Kompla jghid li dawn ic-cedoli 1078/93 u 708/93 m'humiex milquta bl-effetti tas-sentenza. Ic-cedola 309/99 datata 16 ta' Marzu 1999 ghal Lm2,699 hadha in konsiderazzjoni.

[6] Imghax dekorribbli fuq l-ammont tal-kreditu rimanenti bit-8% mill-1 ta' Lulju 2005 sat-30 t'April 2007.

[7] Somma Kapitali Lm14,620 + interessi totali Lm13,097.78 = Lm27,717.78 – depozitu Lm17,921.77 = Lm9,796.01

Qal ukoll li z-zewg ammonti li gew despozitati mill-APS Bank Limited fl-ammont ta’ Lm140 u Lm150 ma hadhomx in konsiderazzjoni u dan minhabba li ma kienux fl-ispoll u ghalhekk kellu jsir l-aggustament relattiv. Ic-cedola 997/98 fl-ammont ta’ Lm824.27 hadha in konsiderazzjoni u din giet depozitata fl-APS Bank u qeghda fl-atti tas-sekwestru.

Rat ir-rapport addizzjonali tal-Perit Legali Dr. Renald Micallef li jinsab a fol 87 sa 92 tal-process u li ghalhekk immodofika l-iskeda u konkluzjoni tar-rapport precedenti bil-mod segwenti:

| **Zmien** | **Kreditu** | **Imghax** | **Ammonti depozitati netti mill-ispejjez**[8] | **Kreditu** | **Imghax** | **Ammonti depozitati netti mill-ispejjez**[9] |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | **€** | **€** | **€** | ***LM*** | ***LM*** | ***LM*** |
| Valur ta' Cedoli depositati | | | **35,459.51** | | | *15,222.77* |
| Sorte (ammont ta' Kapital) | **34,055.44** | | | *14,620.00* | | |
| Mill-01.07.93 sa 30.06.97[10] | | **5,795.48** | | | *2,488.00* | |
| Mill-01.07.97 sa30.06.05[11] | | **21,795.48** | | | *9,356.80* | |

[8] Permezz tac-Cedoli su riferiti.
[9] Permezz tac-Cedoli su riferiti.
[10] Skond id-decizjoni moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta fil-31 ta’ Mejju 2005 (Cit Nru:963/96JRM).
[11] Id-data ta’ 30/06/2005 ittiehdet wara li gie tenut kont tad-data meta l-imsemmija sentenza giet *res judicata*.

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **SUB-TOTALI** | **34,055.44** | **27,590.96** | | *14,620.00* | *11,844.80* | |
| Hlas permezz tad-depositi | **7868.55**[12] | **27,590.96** | **35,459.51** | *(3377.97)*[13] | *(11,844.80)* | *(15,222.77)* |
| **SUB-TOTALI** | **26,186.89**[14] | **Nil** | **Nil** | *11,242.03*[15] | **Nil** | **Nil** |
| **Mill-01.07.05 sa 30.04.07** | | **3,840.74** | | | 1,648.83 | |
| **Total** | **26,186.89** | **3,840.74**[16] | | *11,242.03* | 1,648.83[17] | |
| **Total Dovut, kapital u interessi** | **30027.56**[18] | | | *12890.86*[19] | | |

## D. KONKLUZJONI

In vista ta' dak kollu fuq premess, l-esponenti jissottometti bir-rispett fil-konfront tat-talbiet tal-konvenut Alfred Testa et, illi, dina l-Onorabbli Qorti ghandha tilqa' in parte t-talba billi tirrevoka l-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet premessi u dana limitatament ghas-somma komplessiva ta' tletin elf u seba' u ghoxrin Ewro u tlieta u sittin centezmu (€30,027.63) jew tnax-il elf tmien mija u disghin Lira Maltin

---

[12] €35459.52 - €27590.96 = €7868.55.
[13] €35459.52 - €27590.96 = €7868.55.
[14] €34055.44 - €7868.55 = €26186.89.
[15] €34055.44 - €7868.55 = €26186.89.
[16] Imghax dekorribbli fuq l-ammont tal-kreditu rimanenti bit-8% mill-1 ta' Lulju 2005 sat-30 t'April 2007.
[17] Imghax dekorribbli fuq l-ammont tal-kreditu rimanenti bit-8% mill-1 ta' Lulju 2005 sat-30 t'April 2007.
[18] Somma Kapitali €34055.44 + interessi totali €31431.70 = €65487.14 – depozitu €35459.35 €30027.63.
[19] Somma Kapitali €34055.44 + interessi totali €31431.70 = €65487.14 – depozitu €35459.35 €30027.63.

u sitta u tmenin centezmu (Lm12,890.86) bl-ispejjez ta' l-istess mandat ta’ sekwestru ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.”

Rat illi fit-30 ta’ Marzu, 2009 Dr. Edward Gatt ghar-rikorrenti iddikjara li hu ser jistrieh fuq ir-rapport tal-Perit komputista u fis-6 ta’ April, 2009 Dr. C. Galea ghall-intimati irrinunzjat ghat-talba ghall-Periti addizzjonali.

Illi din il-Qorti kif presjeduta ma thossx li ghandha tvarja xejn mir-rapport tal-Perit komputista, u anzi tikkonferma l-kontenut ta’ l-istess rapport kif emendat.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Ghal dawn il-motivi tilqa’ t-talba *in parte* billi tirrevoka l-Mandat ta’ Sekwestru fl-ismijiet premessi u dana limitatament ghas-somma komplessiva ta' tletin elf u seba' u ghoxrin Ewro u tlieta u sittin centezmu €30,027.63 [jew tnax-il elf tmien mija u disghin Lira Maltin u sitta u tmenin centezmu (Lm12,890.86)], bl-ispejjez ta' l-istess mandat ta’ sekwestru ghandhom jigu sopportati interament mill-intimat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------